MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 436/2004

**Rikors numru 436/04DM**

**James Camilleri & Son Limited**

**Vs**

**Guido Agius Furniture Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm3,748.95), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lilhom mill-istess socjeta' attrici, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez, komprizi dawl tal-mandat ta' qbid ppresentat kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subiizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, seba' mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm3,748.95) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Awissu, 2204.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------